# Żewġ Knejjes ta' San Żakkarija, Malta

## 1. Il-kult ta' San Żakkarija, Malta

Fl-antik San Gwann, barra l-festa tat-Twelid nhar l-24 ta' Ġunju u ta' Qtugħ ir-Ras fid-29 ta' Awwissu, kellu oħra tal-Kunċizzjoni li kienet taħbat disa' xhur qabel il-festa tat-Twelid. Il-knisja Latina kienet tfakkar il-konċepiment ta' San Ġwann fl-24 ta' Settembru u l-Griega ġurnata qabel. Meta l-festa tal-kunċizzjoni tal-Madonna bdiet issir fil-knisja Latina kollha fl-1478 fi żmien il-papa Sistu IV, din il-festa ma baqgħetx issir fil-Knisja Latina imma l-Griegi għadhom jagħmluha.

Issa bħalma l-Inkarnazzjoni ta' Ġesu' hi marbuta mad-dehra ta' l-arkanġlu Gabriel lill-Madonna, hekk ukoll il-Konċepiment ta' San Gwann hu marbut mad-dehra ta' l-arkanġlu Gabriel lil missieru Żakkarija fit-tempju hu u joffri, bħala qassis, l-inċens fuq l-artal li kien hemm fis-santwarju. Bħalma l-knejjes tal-Lunzjata jfakkru fl-Inkarnazzjoni ta' Kristu kont nistenna li l-knejjes ta' San □akkarija jagħtu xi ħjiel tal-festa minsija tal-kunċizzjoni ta' San Gwann. Imma t-tifkiriet imsejkna li fadal tal-kult ta' San Żakkarija, Malta, ma jippermettux dan.

## 2. San Żakkarija ta' Ħaż-Żabbar

Meta Duzzina, fl-1575, żar il-knisja tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, fil-ġnien tal-knisja sab kappella qadima ta' San Żakkarija. Il-kappella kienet ħerba u Duzzina għalaqa. Imma l-kappella ma kellhiex tinqered għax meta l-isqof Cagliare's żarha fl-1615 sab li Pawlu Gusman kien reġa' bnieha qabel 1600.

Ħaż-Żabbar sar parroċċa fl-1615 u,fl-1641, iż-Żabbarin taw irkaptu għall-bini ta' knisja ġdida li tlestiet fl-1696. Issa l-knisja ta' San Żakkarija kienet fejn kellu jiġi l-kor tal-ġdida. Għalhekk huma u jippjantawha, ħattew il-knisja ta' San Żakkarija u l-inkwatru ħaduh fil-knisja l-qadima. Dan l-inkawtru dam hemm sa l-1759 meta neħħewh biex għamlu wieħed tal-Madonna tal-Katina.

Issa l-inkawtru tal-knisja ta' San Żakkarija ma kienx juri biss lilu, imma l-inkawtru kien propjament tal-Madonna tal-Katina li magħha kellha lil San Luqa fuq naħa u lil San Żakkarija fuq l-oħra. Il-kult tal-Madonna tal-Katina beda Paliermu nhar it-18 ta' Awissu ta' l-1390 meta tliet ikkundannati daħlu jistkennu fil-knisja ta' Santa Marija tal-Port waqt tempesta u hemm ħelsu mill-ktajjen. Ftit wara d-devozzjoni nsibuha waslet Katanja fi żmien ir-re Martinu (1391-1409) fejn bnewlha santwarju f'Aci Katina.

L-istorja tal-bidu tad-devozzjoni tal-Madonna tal-Katina flimkien ma' dik tas-santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar tista' tixhet dawl kif inbniet il-knisja ta' San Żakkarija. Ħaż-Żabbar kienu jmorru jirringrazzjaw lill-Madonna n-nies tal-baħar li reġgħu lura b'wiċċ il-ġid wara xi safra jew wara li ħelsu mill-jasar. Jista' jkun għalhekk li xi tnejn min-nies li seta' jisimhom Luqa u Żakkarija bnew il-kappella tal-Madonna tal-Katina wara li għamlulha xi wegħda meta qabduhom il-kursali f'xi żmien wara li nbena s-santwarju ta' Aci Katina, għax il-bahrin Maltin fis-seklu ħmistax u sittax kienu ġejjin u sejrin Sqallija.

Il-fatt li kienet imġarrfa fl-1575 jista jfisser li kien ilha mibnija, forsi meta l-ġrajja ta' l-1390 kienet fuq fomm il-baħrin kollha. Jista jkun li l-knisja ġarrfuha t-Torok matul l-Assedju l-Kbir ta' l-1565 ukoll.

Biss billi l-knisja kienet magħrufa bhala ta' San Żakkarija jista' jkun ukoll li l-inkwatru għall-ewwel kien juri lil San Żakkarija biss, imbagħad biex ikompli l-wegħda xi ħadd għamel inkwatru ieħor bil-Madonna tal-Katina u fih daħħal it-titular il-qadim. Affarijiet bħal dawn nafu li ġraw ngħidu

aħna meta San Ġwann tal-Bidni, dari Ħaż-Żabbar, u, llum, Wied il-Għajn, inbidel fi knisja tal-Madonna tad-Dawl.

Ġann Frangisk Abela fl-1646 jgħid li t-Tarġa ta' San Żakkari ssemmiet għall-knisja li kien hemm. Isemmi wkoll il-Ġnien ta' San Żakkari għax il-knisja kienet ġo fih. Mela fl-1646 il-knisja ta' San Żakkari kienet inqerdet u ma kienx fadal ħlief isimha.

Għażilt l-isem San Żakkari tat-Tarġa biex ikun jaqbel ma' San Pawl tat-Tarġa, in-Naxxar u ma' San Ġużepp tat-Tarġa, il-Mosta. Fejn kienet it-Tarġa ta' San Żakkari ? F'kuntratt ta' l-1534, għalqa jgħidulha l-Għerien, jingħad li kienet fl-inħawi tat-Tarġa ta' Għajn Riħana, u dejjem skont il-Prof. Wettinger, fl-1538 l-istess għalqa jingħad li qiegħda fl-inħawi ta' San Żakkarija.

Issa tarġa, jgħidilna Abela, post minn fejn minn naħa ogħla tinżel għal waħda ibxa, mela bħal minġel. Tarġiet bhal dawn insibuhom mas-sies li fuq u nbnew it-Trunċieri li ssemmew għar-reġina Vittorja. In-Naxxar hemm Target Ghomor li 'l gewwa minnha hemm San Pawl tat-Targa. Ghandna t-Tarġa l-Mosta fejn hemm San Gużepp tat-Tarġa u għandna wkoll it-Tarġa fuq ir-riħ tal-Wied ta' Għajn Riħana u t-Triq ghall-Bidnija ftit 'il ġewwa minn San Gużepp tat-Tarġa.

Mill-ismijiet li jingħad li qegħdin fl-inħawi ta' San Żakkarija bħall-Biżbiżja, il-Mingba u Ta' Bistra li kulħadd jaf fejn huma u li l-inhawi ta' San Żakkarija jissemmew bħala l-istess ta' Għajn Rihana wieħed jasal biex jgħid li t-Tarġa ta' San Żakkari kont tinżel għaliha mill-Mosta minn ħdejn il-knisja ta' l-Isperanza minn fejn kont taqbad it-Triq tat-Tarġa li twasslek sat-Tarġa fuq ir-riħ ta' għajn Riħana.
Skont il-Prof. Wettinger l-ewwel darba li jissemma San Żakkarija kien fl-1399. Il-knisja ta' San Żakkarija tissemma li qiegħda mar-raba' tal-familja Meir, Lhud,fl-1487, fejn jingħad li qiegħda ħdejh. Biex il-postijiet kollha madwarha kienu meqjusa u qegħdin fl-inħawi tagħha juri li f'dawk l-inħawi kellha ċerta importanza jew ma kontx tara ħliefha.

Barra ma' għajn Riħana, San Żakkarija jissemma mar-raħal minsi ta' Ħal Bisa jew Pissa u għalhekk qed tinkiteb Ħal Pessa, imma l-ewwel darba li tidher fl-1419 kienet Ħal Bisa u fl-aħħar żmien tal-Kavallieri f'mappa li għamel il-kappillan tan-Naxxar niżżilha Hal Pisa. Billi qabel 1575 il-limti tal-parroċċa tal-Mellieħa kienu jitilgħu mill-port ta' Bin Warrat jiġifieri s-Salini, jgħaddu minn Wied il-Għasel u mbagħad iduru mat-Triq ta' Xifer il-Kief għaż-Żebbiegħ u Għajn Tuffieħa, Ħal Bisa kien jagħmel mal-Mellieħa flimkien ma' Hal Dmigħ li kien bejn Wied il-Għasel u t-Triq li mill-Mosta tieħdok għal San Gużepp tat-Targa. Ħal Bisa ma' Ħal Dmigh fl-1419 kellu 33 ruħ miktuba għall-għassa daqs kemm kellhom it-tliet irħula l-oħra li kienu jagħmlu mal-Mellieħa jiġifieri Hal Dragu ħdejn il-Bidnija, Ġebel Għażara fuq ir-rih ta' San Pawl Milqi u Ġebel Marikatu, il-Wardija fuq r-riħ ta' San Pawl il-Baħar.

Tgħid San Żakkrija kienet il-knisja ta' Ħal Bisa jew Ħal Pisa?

***Victor John Galea***

*Ir-Rabat, Għawdex* *19 ta' Marzu 2002*

